Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-16 ta' Novembru 2023**

**Kump. Nru. 107/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Versus**

**Anthony Chircop**
**(356677M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Anthony Chircop**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 356677M.

Akkuzat talli fid-19 ta' Ottubru 2017 ghall-habta tas-07:30 ta' filghaxija fi Triq ix-Xatt, Gzira :

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Stephanie Rapa;

2. Saq vettura bil-mutur tal-ghamla Nissan GTR bin-numru ta' registrazzjoni SKYLINE u ecceda l- limitu ta' velocita' skont il-ligi;

3. Saq vettura bil-mutur tal-ghamla Nissan GTR bin-numru ta' registrazzjoni SKYLINE bi traskuragni u b'mod perikoluz u bla kont.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-vettura Nissan GTR bin-numru ta' registrazzjoni SKYLINE;

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f' kaz ta' htija, Anthony Chircop ikollu l-licenzja tieghu tas-sewqan revokata jew sospiza ghal dak iz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali[1] datat 15 ta' Frar 2018 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda.

Semghat ix-xhieda.

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lilL-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

[1] A folio 11

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 31, 49, 50 u 225(1) tal-Kapitolu 9, Regolament 127 tal-L.S. 65.11, kif ukoll Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Anthony Chircop hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih, u qed tikkundannah ghal perjodu ta' **sentejn (2) prigunerija**, li b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin millum, kif ukoll ghal hlas ta' (fine) multa ghas-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).**

Ai termini ta' **l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-**konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' il-vettura tal-ghamla Nissan GTR bin-numru ta' registrazzjoni SKYLINE.**

In oltre ai termini ta' l-**Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed **tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sentejn (2) mill-llum.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **erba' (4) snin** millum.

Illi wkoll, **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-**hati sabiex ihallas l-ammont ta' tlett elef seba' mija u disgha u tletin Euro u sittax-il centezmu (€ 3,739.16)** bhala spejjez relatati ma' Esperti mahtura fil-kawza odjerna.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**